**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum, il-Hamis, 25 ta' April 2019**

**Rikors Guramentat numru 73/2017JVC**

**Raymond Camilleri**

**vs**

**Malta Public Transport Operations Limited u b'digriet tal-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) l-isem gie jaqra Malta Public Transport Services (Operations) Limited**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attur ippremetta:

1. Illi l-attur kien impjegat mal-kumpanija konvenuta Malta Public Transport Operations Limited.

2. Illi huwa sefa' mkecci mill-impjieg tieghu permezz ta' ittra tas-sbatax ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (17/08/2017). Dan sehh wara allegati proceduri ta' dixxiplina.

3. Illi l-impjieg tal-attur mal-kumpanija konvenuta huwa regolat minn ftehim kollettiv, liema ftehim kollettiv jikkostitwixxi f'kuntratt bejn il-partijiet f'din il-kawza.

4. Illi skont il-klawsola tmienja u tletin punt tmienja (38.8) ic-Chairman tal-Bord tad-Dixxiplina kellu jkun persuna li tigi nominata bi qbil bejn iz-zewg partijiet.

5. Illi kuntrarjament ghal dan l-attur ma gie moghti l-ebda opportunita sabiex jinnomina persuna u gie rinfaccat b'persuna li ma jafhiex nominata unikament mill-kumpanija konvenuta.

6. Illi in oltre l-ftehim kollettiv jistipola illi tkeccija ghandha tigi kkontemplata biss meta jkun hemm *a good and sufficient cause.* F'dan il-kaz l-ebda *good and sufficient cause* ma ssemiet fl-ittra ta' tkeccija u barra minn hekk l-incident ma kienx wiehed daqshekk gravi li jikkostitwixxi *a good and sufficient cause* fit-termini tal-obbligi kuntrattwali naxxenti mill-ftehim kollettiv.

7. Illi ghaldaqstant it-tkeccija tal-attur mill-impjieg hija wahda nulla u bla effett stante illi ma hijiex skont dak kuntrattat bejn il-partijiet.

8. Illi l-attur jixtieq illi t-tkeccija tigi dikjarata hekk nulla u li in oltre huwa jigi mhallas dawk il-pagi, *bonuses* u *allowances* kollha illi huwa tilef u ghadu qieghed jitlef.

9. Illi din il-kawza qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament minn Raymond Camilleri li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawza.

Talab lil dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi t-tkeccija tal-attur mill-impjieg tieghu mal-kumpanija konvenuta huwa null u bla effett ghaliex ma sarx skont it-termini tal-ftehim kollettiv b'mod partikolari gew lezi il-provvedimenti tal-klawsola tmienja u tletin punt tmienja (38.8) tal-ftehim kollettiv fejn ic-Chairman ma giex nominat kif hemm stipulat, u barra minn hekk id-decizjoni hija wkoll nulla ghaliex skont l-artikolu tmienja u tletin punt hamsa (38.5) tal-ftehim kollettiv kellha tirrizulta *a good and sufficient cause* sabiex tigi ggustifikata t-tkeccija.

2. Per konsegwenza, tiddikjara illi d-decizjoni tat-tkeccija hija nulla u tordna illi l-attur ghandu jigi irrijintegrat minnufih.

3. Tordna illi l-attur ghandu jigi mhallas dawk il-pagi kollha, *bonus* u *allowances* illi huwa jitlef sad-data tar-rijintegrazzjoni tieghu.

4. Taghti kwalsijasi ordni ohra li tikkonsidra meqjusa fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez kollha inkluza VAT, u inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Awwissu elfejn u sbatax (2017) u bl-ingunzjoni tal-kumpanija konvenuta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' konvenuta illi eccepiet:

1. Illi ghal kull buon fini u ghall-fini ta' korettezza, s-socjeta' intimata jisimha 'Malta Public Transport Services (Operations) Limited' u ghaldaqstant dan ghandu jigi rifless fl-okkju tal-kawza li prezent huwa erronju.
2. Illi s-socjeta' konvenuta, 'Malta Public Transport Services (Operations) Limited' hija s-socjeta' li giet moghtija l-koncessjoni pubblika sabiex topera s-servizz tat-trasport pubbliku f'Malta u Ghawdex.
3. Illi s-socjeta' konvenuta umilment tikkontendi illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom ghar-ragunijiet segwenti;
4. Illi in linea preliminari, t-talbiet rikorrenti sabiex dina l-Onorabbli Qorti:

*(i)* *"tiddikjara illi t-tkeccija tal-attur mill-impjieg tieghu huwa null u bla effett ghaliex ma sarx skont t-termini kollettiv... u barra minhekk d-decizjoni hija wkoll nulla ghaliex skont l-artikolu tmienja u tletin punt hamsa (38.5) tal-ftehim kollettiv kellha tirrizulta a good and sufficient cause sabiex tigi ggustifikata t-tkeccija"*

*(ii)* *Tiddikjara illi d-decizjoni hija nulla u tordna illi l-attur ghandu jigi irrijintegrat minnufih*

*(iii)* *Tordna illi l-attur ghandu jigi mhallas dawk il-pagi kollha, bonus u allowances illi huwa jitlef sad-data tar-reintegrazzjoni tieghu*

*(iv)* *Taghti kwalsijasi ordni ohra li tikkunsidra meqjusa fic-cirkostanzi*

Huma kollha talbiet li huma relatati direttament mat-tkeccija – allegatament – ingusta tar-rikorrent u n-nuqqas allegat ta' "raguni

tajba u sufficjenti" ghat-tkeccija – u ghaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni u kompetenza li tiehu konjizzjoni tal-kawza u dan stante illi tali kompetenza specjali hija esklussiva ghat-Tribunal Industrijali u dan ai termini tal-Artikolu 75(1) tal-Kap 452.

Illi dan kollu huwa kkonstatat u kkonfermat f'gurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrani, fejn gie ddikjarat kemm-il darba, illi f'kaz fejn l-azzjoni hija wahda ta' tkeccija ngusta u/jew tiddependi fuq apprezzament ta' tkeccija (u jekk tali tkeccija kienitx gusta jew le) dan jista' jigi deciz u meqjus biss, mit-Tribunal Industrijali.

5. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu, assolutament mhuwiex minnu illi s-socjeta' intimata naqqset milli ssegwi l-proceduri kontemplati fil-ftehim kollettiv iffirmat bejnha u l-UHM Voice of the Workers 2016 – 2020 (anness u mmarkat bhala Dok MPT1), tant illi s-socjeta' intimata mxiet *alla lettera* ma' dan l-istess ftehim u dan kif ser jigi pprovat f'aktar dettal fil-mori tal-kawza.

6. Illi subordinatament, minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fuq il-mertu wkoll, kif ser jigi spjegat f'aktar dettal fil-mori tal-kawza, mhuwiex minnu illi ma kienx hemm raguni "tajba u sufficjenti" skont il-ligi sabiex jitkecca r-rikorrent min xoghlu mas-socjeta' intimata, u dan ghaliex nhar l-4 ta' Awissu 2017, r-rikorrent kien aggredixxa passiggier tas-socjeta' konvenuta waqt il-qadi ta' dmirijietu, liema incident gie sahansitra mxandar fuq ix-xandir, u wara dan l-incident

ir-rikorrent gie mghoddi minn process dixxiplinarju gust u ekwu, presedut minn arbitru ndipendenti li sab il-htija li wasslet ghat-tkeccija eventwali. (ara r-rapport tal-Bord tad-Dixxiplina mmarkat bhala Dok MPT2 u l-ittra ta' tkeccija mmarkata bhala Dok MPT3).

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha ta' nhar it-23 ta' Jannar, 2018 fl-istess ismijiet moghtija in linea preliminari fejn din il-Qorti ddecidiet kif isegwi:

*'Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost din il-Qorti tiddeciedi r-raba' eccezzjoni tal-kumpanija ntimata dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni u kompetenza ta' din il-Qorti sabiex tisma u tiddeciedi t-talbiet attrici kif isegwi:*

*1. Tichad l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni u kompetenza ta' din il-Qorti fir-rigward tal-ewwel talba attrici f'dik il-parti biss fejn tallega ksur tal-artikolu 38.8 tal-ftehim kollettiv u tichad l-istess eccezzjoni fir-rigward tal-bqija tat-talbiet attrici limitatament izda sakemm dawn huma msejsa abbazi tal-istess artikolu 38.8 tal-ftehim kollettiv;*

*2. Tilqa' l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni u kompetenza ta' din il-Qorti fir-rigward tal-ewwel talba attrici f'dik il-parti biss fejn tallega l-ksur tal-artikolu 38.5 tal-ftehim kollettiv u ghalhekk tilqa' l-istess eccezzjoni fir-rigward tal-bqija tat-talbiet attrici limitatament izda sakemm dawn huma msejsa abbazi tal-istess artikolu 38.5 tal-Ftehim kollettiv.*

*Konsegwentement ghal dawk li huma l-pretensjonijiet tal-attur kif imsejsa ai termini tal-artikolu 38.5 tal-Ftehim Kollettiv kif kontenuti fit-talbiet tieghu fir-rikors guramentat tordna li vera kopja tal-atti odjerni jintbaghtu lir-Registratur tat-Tribunal Industrijali sabiex dawk il-pretensjonijiet kif elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan id-digriet jigu decizi mill-istess Tribunal ai termini tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Stante li d-decizjoni finali ta' din il-Qorti dwar l-applikazzjoni o meno tal-ftehim kollettiv tista' b'xi mod timpingi fuq il-mertu tat-talbiet kif rinvijati lit-Tribunal Industrijali din il-Qorti thalli f'idejn l-istess Tribunal Industrijali sabiex jiddeciedi jekk ghandux jissospendi s-smiegh tal-kaz quddiemu pendenti decizjoni finali fil-proceduri odjerni.*

*Tordna l-kontinwazzjoni tas-smiegh ta' dan ir-rikors guramentat (bit-talbiet kif limitati ai termini tal-paragrafu 1 ta' dan id-digriet) u tiddiferih ghall-provi tal-attur ghal nhar id-9 ta' Marzu, 2018 jissejjah mill-10.30a.m. sal-11.00a.m.*

*Fic-cirkustanzi l-ispejjez tar-rikors guramentat sad-digriet odjern ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.'*

Rat ix-xhieda, affidavits, dokumenti u provi kollha esibiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-10 ta' Jannar, 2019 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghat-30 ta' April, 2019 fuq it-talbiet li ghadhom vigenti bil-fakulta li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom. Rat li izda permezz ta' digrieti ta' din il-Qorti d-decizjoni ghal ragunijiet ta' xoghol relatati mal-Magistrat sedenti giet rikjamata ghal-lum 25 ta' April, 2019 fit-8.15a.m.;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-kawza odjerna, l-attur Raymond Camilleri originarjament kien qieghed jitlob decizjoni fuq zewg aggravji u cioe':
(i) li jigi dikjarat li t-tkeccija tieghu mill-impieg minn mas-socjeta' konvenuta Malta Public Transport Services (Operations) Limited hija wahda nulla u bla effett u dana peress li ma saritx skont it-termini tal-ftehim kollettiv b'mod partikolari, bi ksur tal-klawsola bin-numru 38.8 fejn ic-Chairman ma giex nominat kif stipulat fl-istess klawsola; u

(ii) li jigi dikjarat li d-decizjoni tac-Chairman hija wahda nulla stante li ma rrizultatx *a good and sufficient cause* li tiggustifika t-tkeccija skont l-klawsola 38.5.

Illi s-socjeta' konvenuta Malta Public Transport Services (Operations) Limited resqet fost eccezzjonijiet ohra, eccezzjoni in linea preliminari li din l-Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni u l-kompetenza li tiehu konjizzjoni tal-kawza u dan stante li tali kompetenza hija esklussiva ghat-Tribunal Industrijali ai termini tal-artikolu 75 (1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti permezz tad-digriet taghha ta' nhar it-23 ta' Jannar, 2018 kwotat supra laqghet l-eccezzjoni limitament fil-konfront tal-ilment tar-rikorrent fl-ewwel talba fejn qed jallega n-nuqqas ta' 'good and sufficient cause' fit-tkeccija tieghu. Ghalhekk is-sentenza odjerna hija limitata ghall-ewwel parti tal-ewwel talba fejn tirrigwarda l-allegat ksur tal-obbligi kontrattwali bejn il-partijiet u l-kumplament tat-talbiet in konnessjoni ma' dik il-parti biss cioe' l-allegat ksur tal-artikolu 38.8 tal-ftehim kollettiv esebit a fol. 15 tal-process.

**Mertu**

Illi mill-atti jirrizulta li l-attur Raymond Camilleri kien impjegat bhala xufier mas-socjeta' konvenuta u tkecca mill-impieg tieghu wara li ttiehdu proceduri dixxiplinarji fil-konfront tieghu fuq 'Gross Misconduct' (ara dokumenti minn fol. 4 sa fol. 7 tal-process). L-attur permezz tar-rikors guramentat odjern qieghed jilmenta li kien hemm ksur ta' obbligi kuntrattwali minn naha tas-socjeta' konvenuta meta hija naqset milli tikkonsulta mieghu sabiex jigi maghzul ic-Chairman li kien sejjer jippresjedi l-bord ta' dixxiplina li sar fil-konfront tieghu u dana hekk kif stipulat fil-klawsola 38.8 tal-ftehim kollettiv li sar bejn is-socjeta' konvenuta Malta Public Transport Services (Operations) Limited u l-UHM – Voice of the Workers (ara l-ftehim kollettiv a fol. 15 tal-process) lura fis-sena 2016 validu sas-sena 2020.

Illi l-ilment tar-rikorrent principalment jirrigwarda l-klawsola 38.8 tal-ftehim kollettiv, b'mod partikolari s-sezzjoni iii. li titratta dwar 'Gross Misconduct' (l-akkuza li l-attur gie addebitat biha) taqra kif isegwi:

> '***Gross Misconduct:*** *The Department concerned shall issue a charge letter either within 2 months from the date of offence, or within 1 month from the date when the COMPANY becomes aware of such offence. The longer of the two options will apply. The Employee will be required to sign that s/he has received such letter. The Employee will be invited to attend for a hearing session which will be held within 2 weeks from notification (minimum notice for the hearing*

*is that of 48 hours). **The hearing session will be chaired by an independent person as agreed between both parties.*** (Emfazi tal-Qorti)

*Within 7 working days, the Chair will:*

*i. decide whether the Employee is innocent or guilty and the degree of guilt;*

*ii. Provide the COMPANY and employee with a copy of its decision.*

*It is up to the COMPANY to impose penalty in line with the provisions of this Collective Agreement within 7 working days from the receipt of the Chair's decision.*

*Hearings can be postponed in exceptional circumstances only. Should an EMPLOYEE fail to attend a hearing session, the HR Department will communicate with the employee its decision imposing the penalty. This decision will be final and there will be no right of appeal.*

*Employees charged with any offence will be given every opportunity to state their case and to be represented by their Union and/or a person of their choice. The number of persons assisting each employee shall not exceed two (2), one of whom may be a Union representative.*

*The Employee can appeal the decision through a request in writing to the Human Resources Director within 3 working days from the receipt of the letter imposing the penalty. The Human Resources Director will communicate his decision to the employee with 5 working days.'*

Ir-rikorrent odjern jargumenta li skont din il-klawsola, is-sezzjoni tal-Bord tad-Dixxiplina kellha tkun ippresjeduta minn persuna ndipendenti maghzula fuq konsultazzjoni bejnu u bejn is-socjeta' konvenuta ghaliex

jargumenta li l-kliem 'between both parties' jinkludu lilu bhala mpjegat u l-kumpanija u mhux il-kumpanija u l-Union stante li dejjem skont l-argument tar-rikorrent huwa mhux membru tal-UHM. Skont ir-rikorrent la darba huwa ma giex ikkonsultat fl-ghazla tac-Chairman allura dan igib ksur tal-obbligi kuntrattwali bir-rizultat li t-tkeccija tieghu ghandha tigi dikjarata nulla u nvalida fil-ligi.

Illi jirrizulta li l-ftehim kollettiv in kwistjoni (esebit a fol. 15) gie ffirmat nhar il-25 ta' Mejju, 2016 bejn minn naha l-wahda r-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta u minn naha l-ohra r-rapprezentanti tal-UHM – Voice of the Workers (ara pagna 3 tal-ftehim kollettiv) li tindika l-kumpanija bhala l-parti numru wiehed (1) fil-ftehim u l-UHM –Voice of the Workers bhala l-parti numru tnejn (2). Ghalhekk huwa car li dan l-ftehim jorbot lil dawn iz-zewg partijiet u dan sabiex jirregola r-relazzjoni bejn is-socjeta' konvenuta u l-union li tirrapprezenta lill-maggoranza tal-haddiema membri taghha.

Illi r-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jikkwota mis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Silvio vs Corinthia Palace Hotel Company Limited** deciza nhar is-27 ta' Frar, 2009 fejn tiddefinixxi ftehim kollettiv bhala:

> '… il-ftehim Kollettiv huwa kuntratt li jiddixxiplina b'mod generali r-rapporti tax-xoghol ta' kategorija ta' haddiema bl-intervent tal-Union li tirrapprezentahom. Huwa kuntratt importanti hafna mhux biss ghall-kontenut tal-kondizzjonijiet tax-xoghol pattwiti fih imma ghaliex, fundamentalment, dawk l-istess kondizzjonijiet u d-dixxiplini l-ohra tieghu ghandhom jitqiesu r-regoli ta' gudizzju li jridu jigu assunti meta tinsorgi xi kwestjoni jew problema bejn l-interessati. In

kwantu kuntratt, il-Ftehim Kollettiv irid jigi nterpretat skont l-istregwa tad-dritt komuni u tal-kriterji ordinarji ta' l-ermenewtika kontrattwali, ghalkemm anke hawn, wiehed ma jridx lanqas ihalli jisfuggi mill-vizjoni l-funzjoni tipika tar-regolamentazzjoni tan-normi partikolari applikabbli ghas-settur, u allura ghal dik il-prospettazzjoni nterpretattiva li ttendi ghall-kriterju ta' l-armonija tal-kumpless tad-disposizzjonijiet tieghu u tal-volonta komuni f'rapport tax-xoghol;'

Illi din il-Qorti taghmel izda wkoll referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Carmel Schembri vs. Enemalta Corporation** (Appell Civili numru 3/2016 datat 1 ta' Novembru, 2006) deciz mill-Onor. Imhallef Dr. Philip Sciberras kif isegwi:

"Ftehim Kollettiv" hu definit mill-Artikolu 2 tal-Kapitolu 452 bhala "ftehim maghmul bejn principal jew organizzazzjoni wahda jew aktar ta' principali, u organizzazzjoni wahda jew aktar ta' mpjegati li ghandu x' jaqsam mal- kondizzjonijiet ta' l-impjieg skont id-disposizzjonijiet ta' xi ligi li tkun fis-sehh f' Malta". Fil-prattika ftehim konsimili jikkontjeni disposizzjonijiet normattivi li jiddeterminaw ir- regolamentazzjoni u t-trattament tal-kundizzjonijiet tax-xoghol, kif ukoll klawsoli obbligatorji tendenti ghar-rizoluzzjoni ta' konflitti ta' interessi. Jahseb ukoll ghall-makkinarju uniformi ta' dixxiplina ghall-impjegati fl-organizzazzjoni korporativa jew azjendali;

Naturalment, in kwantu ftehim bhal dan ghandu l-ingredjenti kollha ta' kuntratt, ghall-interpretazzjoni tieghu huma normalment adoperati l-kanoni legali maghrufa ta' l-ermenewtika kontrattwali kif traccjati fid-dritt komuni. Logikament, l-intenzjoni komuni tal-kontraenti li fassluh u ssottoskrivew ghalih trid tigi dezunta mhux biss u limitatament mill-elementi letterali tal-kliem imma b'estensjoni wkoll ta' l-

interpretazzjoni razzjonali;

Ipprecizat dan kollu b'introduzzjoni ghat-tematika hawn investigata, il-vertenza centrali f'dan il-kaz tirrivolvi dwar il-punt jekk il-Korporazzjoni setghetx sua sponte tadotta mizura dixxiplinarja minghajr ma tkun preventivament u skont l-istatut kodicistiku ezawrit il-procediment ta' dixxiplina, mahsub u maqbul bejn il-kontraenti fl-ambitu tal-ftehim kollettiv. Ma jista' qatt ikun dubitat illi r-raguni komuni ghall-holqien ta' Kumitat ta' Dixxiplina kien dak li jigi attribwit lil dan l-organu l-funzjoni struttorja tal-procediment ta' dixxiplina, l-akkwizizzjoni u l-valutazzjoni tal-provi, u in finis, biex dan jissuggerixxi lill-Korporazzjoni proposti ta' sanzjonijiet dixxiplinarji, skont il-kaz;'

Certament illi l-insenjament suesposti ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni minn din il-Qorti fl-analizi tal-mertu tal-kaz odjern.

Illi fil-mertu ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li r-rikorrent effettivament ma kienx membru tal-Union firmatajra fil-ftehim kollettiv in kwistjoni. Jirrizulta izda mix-xhieda migbura fl-atti tal-kawza odjerna li fl-applikazzjoni tal-artikolu 38.8 tal-ftehim kollettiv, kemm meta l-proceduri kienu qed jittiehdu fil-konfront ta' membru tal-UHM kif ukoll ta' membru ta' xi union ohra bhala ma hi l-General Workers Union u f'kull kaz iehor din il-klawzola dejjem giet applikata b'mod li l-kliem 'as agreed between both parties' ifissru li c-Chairman ikun dak maqbul bejn il-kumpanija u l-UHM firmatajra tal-ftehim kollettiv (ai termini ta' dak li wkoll jinghad f'pagna 3 tal-istess ftehim kollettiv li tindika l-partijiet bhala li huma l-Malta Public Transport Services (Operations) Ltd u l-UHM – Voice of the Workers.

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda li jsegwu:

A fol. 24 et seq ix-xhud Roderick Bajada, Human Resources Director fi hdan il-Kumpanija ntimata mistoqsi jekk qattx inghatat opportunita' lir-rikorrent jaghzel ic-Chairman jirrispondi:

'Le c-Chairman jintaghzel bi ftehim kollettiv bejn il-kumpanija u l-Union . . . l-ebda mpjegat ma jista' jaghzel ic-Chairman hu . . fil-ftehim kollettiv hemm klawzola ta' kif jintaghzel ic-Chairman . . . L-impjegati kollha ghandhom is-*say* fl-ghazla tac-Chairman *vis a vis* il-ftehim kollettiv jigifieri l-ftehim kollettiv ighid li c-Chairman jintaghzel bejn il-kumpanija u l-Union li tirraprezenta l-haddiema ovvjament kollha. Kien hemm qbil fuq dan ic-Chairman bejn il-partijiet jigifieri . . . Meta ffirmajna l-ftehim kollettiv'

A fol. 65 et seq fir-rigward tal-klawzola 38.8 tal-ftehim kollettiv jixhed kif isegwi:

'Issa l-ewwel nett nixtieq nghid li meta nghidu *agreed between both parties* huwa l-union u l-kumpanija, jigifieri dan meta nghidu between *both parties* ma jfissirx bejn il-kumpanija u l-impjegat ghax ma jistax ikun ma' kull impjegat li jkollu dixxiplina toqghod taqbel fuq chairman.'

Fil-fatt ix-xhud jispjega li jkollhom *average* ta' erba' proceduri skont dan l-artikolu fil-gimgha filwaqt li jixhed ukoll li l-kumpanija ghandha mal-elf u tliet mitt impjegat (1300). Tenut kont ta' dan l-argument cioe' l-volum kbir ta' mpjegati u l-ammont mhux zghir ta' proceduri li jkun hemm quddiem

il-Bord ta' dixxiplina in kwistjoni din il-Qorti tqis li minn dan il-lat ikun inprattiku hafna jekk mhux impossibbli li l-kumpanija u l-impjegat koncernat jaghzlu bejniethom persuna sabiex tmexxi l-Bord ta' Dixxiplina f'kull kaz u certament sitwazzjoni bhal din twassal sabiex il-proceduri jitwalu nutilment u hafna kazijiet din il-Qorti hija certa li jispiccaw stultifikati f'kaz ta' nuqqas ta' ftehim.

Fil-fatt ix-xhud Roderick Bajada ikompli jixhed illi:

'Waqt dan il-process ahna mal-union konna ftehmna fuq chairman indipendenti il llum huwa s-Sur Franco Masini . . . from day one kien Franco Masini. . . . kien hemm erba' (4) ismijiet li konna qeghdin niddiskutu u qbilna t-tnejn li ahna, kemm il-UHM u ahna fuq Franco Masini, it-tlieta (3) l-ohra ma qbilniex fuqhom.'

Il-Qorti tikkunsidra li jirrizulta ghalhekk li anki bejn il-Kumpanija u l-Union kien hemm certa diffikulta' sabiex jiftehmu fuq chairman accettabbli ghat-tnejn ahseb u ara li kieku din il-procedura kellha ssir kull darba f'kull kaz ta' dixxiplina.

A fol. 68 l-istess xhud Roderick Bajada jispjega li anki f'kaz ta' membri rapprezentati mill-General Workers Union u mhux mill-Union Haddiema Maghqudin ic-Chairman xorta jibqa' dak maqbul bejn il-kumpanija u l-UHM cioe' Franco Masini. A fol. 69 ikompli jixhed:

'Jigifieri l-union rikonoxxuta hija l-unika entita' li tista' taqbel maghna fuq min ikun ic-chairman ghax il-union hija, il-UHM hija rikonoxxuta, mhux il-

General Workers Union. Pero' peress li ghandna mpjegati li qeghdin fil-General Workers Union, il-General Workers Union jigu jirraprezentawhom waqt id-dixxiplina u qatt ma kellna problemi, dejjem kien is-Sur Masini wkoll li jisma' l-kazijiet kollha, jigifieri anke dawk l-impjegati li jiddeciedu ma jgibux union ghax ma jkunu fl-ebda union, jew igibu Avukat jew, jigifieri pero' dejjem is-Sur Masini huwa c-chairman tal-bord ta' dixxiplina ghax hekk gie maqbul bejn.'

Fuq domandi diretti tal-Qorti jwiegeb kif isegwi:

'Il-Qorti:
Int qed tghid illi bhala, meta qed tghid il-kliem both parties din il-klawzola inti tifhimha li hija l-Malta Public Tansport u l-UHM?

Ix-xhud:
Ezatt. Ifhimni, f'kull ftehim kollettiv ikun hekk . . .'

L-istess xhud kompla jixhed a fol. 115 et seq kif isegwi:

'Avukat:
Lill-UHM tlabtuha tinnomina Chairman specifikatament f'dan il-kaz ta' Camilleri?

Xhud:
'Le, ghax kien hemm diga' Chairman maqbul bejn iz-zewg partijiet li kien ghal sena shiha, jigifieri f'dan il-kaz kien awtomatikament is-Sur Franco Masini bhala c-Chairman tal-bord ta' dixxiplina.

Avukat:
Jekk nghidlek li skont il-collective agreement ic-Chairman kellu jkun nominat bi qbil minn Camilleri skont klawsola thirty eight point eight (38.8) xi tghid?

Xhud:
Ma naqbilx ghax il-ftehim kollettiv huwa carissimu lic-Chairman huwa maqbul bejn iz-zewg partijiet u d-definition ta' zewg partijiet fil-ftehim kollettiv huwa l-UHM u l-Malta Public Transport.'

Avukat:
F'kaz illi l-persuna li jkunu qed jittiehdu proeduri kontrieh ma jkunx sieheb mal-UHM taf x'isir?

Xhud:
Xorta jrid jidher quddiem il-bord ta' dixxiplina, pero' kif diga' ghedt jista' jgib rapprezentant tieghu, hu min hu.'

Illi da parti tal-Union Haddiema Maghqudin xehed permezz ta' affidavit a fol. 119 Kenneth Abela li jghid li huwa Employment Relations Manager mal-istess UHM fejn f'parti mill-istess affidavit jispjega kif isegwi:

'4) Illi fuq proposta tal-UHM, Voice of the Workers stess, il-procedura tad-dixxiplina nbidlet b'mod illi minflok il-Bord tad-Dixxiplina jigi presedut minn impjegat tal-kumpanija stess, kif kien isir qabel, ai termini tal-ftehim kollettiv il-Bord tad-dixxiplina jigi presedut minn Chairperson

indipendenti maqbul bejn iz-zewg partijiet firmatarji, ossia il-Union u l-kumpanija.

5) Illi wara diversi diskussjonijiet mal-kumpanija, gie maqbul li c-Chiarperson kellu jkun is-sur Franco Masini, ghall-kazijiet tad-dixxiplina kollha minn dakinhar 'il quddiem.'

Fil-kontro-ezami tieghu a fol. 120 jixhed li Raymond Camilleri ma jirrizultax li huwa membru tal-UHM. Jghid li bhala union mhux obbligati jinfurmaw lill-haddiema fuq min qablu bhala Chairman. Mistoqsi ghalfejn jifhem li both parties ma tinkludhiex l-'employee' innifsu jirrispondi kif isegwi:

'One, jiena kont anke involut fil-ftehim kollettiv per se, u dejjem kien fl-ispirtu tieghu li c-chairman ikun maqbul bejn il-union illi tkun qeghdha dak iz-zmien tirraprezenta lill-haddiema, fin-nuqqas ta' union bhala employees collectively u l-kumpanija. Issa, dana wkoll jigi rifless f'pagna tlieta (3), fejn qeghda cara li l-parties huma, meta hemm parties, huma l-Union, the employees collectively u l-kumpanija. Individually tkun 'party' miktuba. .... "For the purpose of this agreement, the company, the union, and the employees are collectively referred to as the parties and individually as a party." Fejn hemm parties jigifieri qed nitkellmu fil-kollettiv, jigifieri union, kumpanija, jew l-impjegati collectively, fin-nuqqas ta' union.'

Jixhed ukoll li sa fejn jaf hu dejjem uzaw l-istess Chairman fil-Bord ta' Dixxiplina ghal kulhadd.

Illi minn naha l-ohra mix-xhieda tar-rikorrent kif ukoll mill-istess rikors guramentat tieghu huwa car li r-rikorrent mhux qed jikkontesta l-fatt li l-ftehim kollettiv ghandu wkoll japplika fil-kaz tieghu u cioe' li ghandu jgawdi mill-beneficcju li jinstema quddiem Bord ta' Dixxiplina fil-kaz tal-allegat 'gross misconduct' qabel tittiehed id-decizjoni li jitkecca mill-impjieg izda qed jippretendi li stante li mhux membru tal-UHM allura kellu jaghzel hu c-chairman tal-Bord flimkien mal-kumpanija u mhux dak maqbul bejn il-kumpanija u l-UHM. Illi izda l-Qorti tinnota li l-argument tar-rikorrent huwa wiehed kontradittorju ghall-ahhar u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Ir-rikorrent ghalkemm qed jemfasizza li hu ma kienx membru tal-UHM qed jippretendi li l-proceduri ta' dixxiplina maqbula bejn il-Kumpanija u l-UHM fil-ftehim kollettiv japplikaw ghalih ukoll nonostante li mhux membru;

2. Illi minn naha l-ohra r-rikorrent fl-istess nifs irid li din il-Qorti tqis li ghandu jkun hu li jaghzel ic-Chairman fi proceduri ta' dixxiplina li ma gewx maqbula minnu ghax bl-argument tieghu mhux membru izda bejn il-Kumpanija u l-UHM.

Huwa evidenti li dawn iz-zewg argumenti jikkontradixxu wiehed lill-iehor. Ir-rikorrent irid jiddeciedi jekk iridx li jigu applikati l-provvediment kollha tal-ftehim kollettiv favur tieghu nkluz il-klawzola li tghid li c-Chairman jigi maqbul bejn il-partijiet firmatarji li huma l-kumpanija u l-UHM nkella jekk hux qed jipretendi li stante li mhux membru allura ma ghandu japplika xejn favur tieghu mill-ftehim kollettiv! Izda r-rikorrent

ma jistax jaghzel li dak li jaqbillu mill-ftehim kollettiv japplika ghalih u dak li ma jaqbillux le. Ir-rikorrent bl-argument tieghu li certu klawzoli ma japplikawx ghalih iwassal ghal sitwazzjoni fejn la jkollu dritt li jirrikorri ghall-procedura ta' dixxiplina qabel ma jitkecca (procedura li fi kliemu stess fil-kontro-ezami huwa ma opponix ghaliha) wisq anqas allura tul l-impjieg tieghu ma seta' r-rikorrenti jgawdi mill-kundizzjonijiet tax-xoghol miftiehema bejn il-kumpanija u l-UHM applikabbli ghall-impjegati kollha fosthom il-pagi, allowances u performance bonuses maqbula fl-istess ftehim kollettiv. Din il-Qorti hija certa li r-rikorrent qatt ma rrifjuta l-paga, l-allowances u bonuses li seta' ha tul l-impjieg tieghu miftiehma fil-ftehim kollettiv taht l-argument li mhux membru tal-UHM jew ta' xi union ohra.

Illi ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, il-Qorti tqis li:

(1) Jirrizulta car li l-kelma 'parties' uzata fil-klawzola 38.8 tal-ftehim kollettiv tirreferi ghall-partijiet indikati f'pagna 3 tal-istess ftehim kollettiv u cioe' il-Malta Public Transport Services (Operations) Ltd. u l-UHM – Voice of the Workers;

(2) Jirrizulta wkoll li allura ic-chairman tal-Bord ta' Dixxiplina fil-kaz tar-rikorrent kien korrettement nominat ai termini tal-istess klawzola 38.8 tal-ftehim kollettiv.

(3) Illi r-rikorrent ma jistax fl-istess hin jipretendi li parti mill-ftehim kollettiv tigi applikata b'mod divers ghalih bl-argument li huwa mhux membru tal-UHM jew ta' xi union ohra filwaqt li izda jipretendi li l-bqija

tal-ftehim kollettiv nkluz il-beneficcji li jemanu mill-istess ikunu aplikabbli ghalih.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta w'tiddeciedi l-kawza odjerna billi fl-ewwel lok tiddikjara l-ewwel eccezzjoni tas-Socjeta' intimata bhala sorvolata, fit-tieni lok tghaddi sabiex tiddeciedi l-eccezzjonijiet u t-talbiet li ghadhom vigenti wara d-digriet taghha tat-28 ta' Jannar, 2018 kif isegwi:

(i) Tilqa' l-hames eccezzjoni mqajjma mis-Socjeta' konvenuta u tiddikjara li t-tkeccija tal-attur mill-impjieg tieghu mal-kumpanija kienet wahda valida fit-termini tal-proccedimenti tal-klawzola tmienja u tletin punt tmienja (38.8) tal-ftehim kollettiv stante li jirrizulta li c-Chairman gie nominat kif stipulat fl-istess ftehim kollettiv u ghalhekk tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha attrici salvi u mpregudikati l-proceduri pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali fir-rigward tal-artikolu 38.5 tal-ftehim kollettiv.

(ii) Tordna li kopja ta' din id-decizjoni tinbaghat lit-Tribunal Industrjali sabiex ikun jista' jiprocedi bil-kaz pendenti quddiemu fir-rigward tal-ilment l-iehor tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 38.5 tal-ftehim kollettiv gia rinvijat permezz tad-digriet tat-28 ta' Jannar, 2018.

Bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu tar-rikorrent.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri

Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb

D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur